MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2009

Numru. 615/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Cilia)**

**vs**

**Simon Borg, ta' 29 sena, bin Victor u Carmelina nee' Gauci Borda, imwieled Sliema nhar is-27 ta' Jannar, 1969, u residenti 118, Tornit, Triq Parades, San Pawl il-Bahar u detentur ta' karta' l-identita numru 97569(M)**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat Simon Borg u cioe` talli nhar l-14 ta' Lulju 2008, ghall-habta tal-5.10pm, f'diversi bnadi f'Malta, iddenunzja lil Pulizija Ezekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta' reat b'mod li setghu, jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar:

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali;

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni li dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja u jigi deciz minn din il-Qorti;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-provi migbura mill-Qorti u fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni maghmulha mill-imputat, il-fedina penali tal-imputat li mhix xi wahda allarmanti u l-fatt illi l-imputat ikkopera mal-pulizija u ddikjara li iddispjajieh ghal dak li ghamel.

Il-Qorti madanakollu ghalkemm dak li ghamel l-imputat ma kellux xi konsegwenzi serji madanakollu qed issir prassi illi persuni anonimi jcemplu l-Qorti b’xi rapport falz bil-ghan illi l-kawza taghhom ma tinstemax bil-konsegwenza ta’ hafna telf ta’ hin ghall-kullhadd. Il-Qorti ghalhekk qed taghmilha cara illi jekk dana l-kaz jirrepeti ruhu l-Qorti mhijiex ser terga’ tkun klementi ma l-imputat.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat l-artikolu 110 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-kontra tieghu u tikkundannah sitt xhur prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta dan il-perjodu ta’ prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qieghda twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna lill-imputat ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' €211.62 bhala spejjez peritali inkorsi f'dan il-kaz u dan fi zmien 6 xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------